**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 164**
**It-Tnejn, 6 ta' Novembru, 2023 fis-6:00 p.m.**

**INĊIDENTI FUQ SITI TA' KOSTRUZZJONI MILL-2012**

**11192. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-inċidenti fuq siti ta' kostruzzjoni li seħħew kull sena mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, wasslu għal korrimenti ħfief, gravi jew mewt?

11/08/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li jien infurmat li l-istatistika uffiċjali miġbura f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea tirreferi għal korrimenti u mwiet u mhux għal inċidenti. Dan għaliex inċident mhux bilfors iwassal għal korriment. Għaldaqstant, waqt li l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol tiġbor statistika dwar imwiet fuq il-post tax-xogħol, statistika dwar korrimenti tista' tinkiseb mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-okkorrenzi joħorġu mit-talbiet għal ħlas ta' benefiċċju taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.
Qed inpoġġi l-lista tal-inċidenti fatali mit-2002 sa' 2023 fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 164
06/11/2023

**DIRECT ORDERS LIL KUMPANIJI**

**11193. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il direct order ingħatat lil kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament?

11/08/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi ma ngħata ebda direct order mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol lill-kumpaniji msemmija fil-mistoqsija.

Seduta 164
06/11/2023

**INKJESTI MAĠISTERJALI DWAR KORRIMENTI FUQ SITI TA' KOSTRUZZJONI**

**11194. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm inkjesti maġisterjali li għadhom għaddejin li qed jinvestigaw korrimenti fuq siti ta' kostruzzjoni?

11/08/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm tmintax (18)-il inkjesta maġisterjali li għadha għaddejja dwar korrimenti fuq siti ta' kostruzzjoni.

Seduta 164
06/11/2023

**INKJESTI MAĠISTERJALI DWAR IMWIET FUQ SITI TA' KOSTRUZZJONI**

**11195. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm inkjesti maġisterjali li għadhom għaddejin li qed jinvestigaw imwiet fuq siti ta' kostruzzjoni?

11/08/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm erbatax (14)-il inkjesta maġisterjali li għadha għaddejja dwar imwiet fuq siti ta' kostruzzjoni.

Seduta 164
06/11/2023

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – MASTER OF SOCIAL WORK (MSW) – STUDY UNITS**

**11196. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni fid-dettall dwar l-istruttura, bil-lista tal-istudy units, tal-kors ta' Master of Social Work (MSW) li jiġi offrut mill-Università ta' Malta?

11/08/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kors imsemmi jiġi offrut kemm fuq bażi full time u anke part time. L-informazzjoni tal-kors tinsab pubblika fuq il-website tal-Università. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellanta li l-istudy units qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 164
06/11/2023

**PROMOZZJONI TAL-LINGWA MALTIJA PERMEZZ TAT-TEKNOLOĠIJA**

**11197. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid xi strateġija hemm biex jiġi promoss l-ilsien Malti permezz tat-teknoloġija?

11/08/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-livell primarju qed jingħata aċċess għal kotba bil-Malti fuq it-tablets. Għal iżjed informazzjoni nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI - ILMENTI**

**11328. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il ilment tressaq lill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali dwar Ċentri ta' Matul il-Jum għal Persuni b'Diżabilità matul l-2022 sal-ġurnata li tiġi fiha mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

06/09/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**SHELTER HOMES – LISTA TA' STENNIJA**

**11329. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm nisa Maltin, nisa barranin u tfal jgħixu f'shelter homes? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-lista ta' stennija għal dawn ix-shelters?

06/09/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li, qiegħed nifhem li bil-frażi shelter homes huwa qed jirreferi għall-*homeless shelters*.
Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-istatistika disponibbli għal kemm hemm nisa Maltin, nisa barranin u tfal jgħixu f'homeless shelters, hija dik għal bejn 1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju, 2023, kif qed ikun preżentat fit-tabella t'hawn taħt:

| Nisa u Tfal li kienu riferuti fil-Homeless Shelters bejn Jannar u Ġunju 2023 | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | **Maltin** | **Barranin** | **Total** |
| **Nisa** | 63 | 43 | 106 |
| **Tfal** | 27 | 23 | 50 |
| **Każijiet pendenti** | | | 8 |

Seduta 164
06/11/2023

**SHELTER HOMES - LISTA TA' STENNIJA**

**11330. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm nisa Maltin u kemm barranin, kif ukoll tfal fuq il-lista ta' stennija biex jidħlu f'shelter homes? Jista' jgħid ukoll kemm ilha fuq din il-lista ta' stennija l-iktar applikazzjoni antika?

06/09/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li billi s-sors aħħari tat-tagħrif mitlub minnhu mhuwiex entità tal-Gvern imma l-NGOs li jipprovdu dan is-servizz u billi dawn ma jżommux id-data tagħhom kollha fil-format li jixtieq hu, ninfurmah li ma għandix aktar x'inżid mat-tagħrif li diġà tajtu għall-mistoqsija parlamentari numru 11329.

Seduta 164
06/11/2023

**AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI - ILMENTI**

**11331. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ilment tressaq lill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali dwar Ċentri ta' Matul il-Jum għall-Anzjanità Attiva u dwar Djar tal-Anzjani mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

06/09/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-SCSA waslulha 2 ilmenti dwar Ċentri ta' Matul il-Jum għall-Anzjanità Attiva u 281 ilment dwar Djar tal-Anzjani mill-2022 sal-lum.

Seduta 164
06/11/2023

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**11338. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi żviluppi hemm fuq il-każ tal-individwu li d-dettalji tiegħu qed jintbagħtu separatament?

11/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema każ qiegħed jirreferi.

Seduta 164
06/11/2023

**STUDENTI LI GGRADWAW MILL-UNIVERSITÀ TA' MALTA U MINN BARTS MEDICAL SCHOOL**

**11339. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm iggradwaw studenti tal-Mediċina mill-Università ta' Malta u minn Barts Medical School u kemm minnhom ingħataw impjieg ġewwa l-Isptar Mater Dei?

11/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi 22 student tal-Mediċina iggradwaw minn Barts Medical School u ħadd minn dawn l-istudenti ma applika għal impjieg fl-isptar MDH. Filwaqt li 128 student tal-Mediċina ggradwaw mill-Università ta' Malta u 109 minn dawn ingħataw impjieg fl-Isptar Mater Dei.

Seduta 164
06/11/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ KURVETTI – XOGĦOL TA' ASFALTAR**

**11566. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari preċedenti, jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew isiru x-xogħlijiet fi Triq il-Kurvetti Paola?

28/09/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**SANTA LUĊIJA - DĦUL EFFETTIV MINN KONTRAVENZJONIJIET TAT-TRAFFIKU**

**11567. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul effettiv minn kontravenzjonijiet tat-traffiku li saru mill-2020 sal-aħħar ta' Ġunju 2023 fil-lokalità ta' Santa Luċija?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11561.

Seduta 164
06/11/2023

**RAĦAL ĠDID - TRIQ KURVETTI - XOGĦOL TA' ASFALTAR**

**11568. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsiiet parlamentari preċedenti 5962, 8482 u 8704, jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew isiru x-xogħlijiet fi Triq il-Kurvetti Paola?

28/09/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fi Triq il-Kurvetti, Paola mistenni jibda s-sena d-dieħla.

Seduta 164
06/11/2023

**RAĦAL ĠDID - TRIQ KURVETTI - XOGĦOL TA' ASFALTAR**

**11569. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5963, jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew isiru x-xogħlijiet fi Triq il-Kurvetti Paola?

28/09/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**IL-KALKARA - BAJJA TAR-RINELLA - XOGĦLIJIET**

**11570. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9421, jista' l-Ministru jgħid x'xogħol effettiv sar fil-Bajja ta' Rinella fil-Kalkara?

28/09/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ta' kuljum u kontinwament isir tindif fil-Bajja tar-Rinella min-naħa tad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni. Għal diversi drabi matul is-sajf tneħħa wkoll ammont ta' ġebel li tfaċċa fil-bajja. Ħaddiema tat-TZRA żebgħu is-sottobank u r-railing tal-promenade.

Seduta 164
06/11/2023

**IL-GUDJA - KONTRAVENZJONIJIET TAT-TRAFFIKU**

**11571. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul effettiv minn kontravenzjonijiet tat-traffiku li saru fil-lokalità tal-Gudja mill-2020 sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11561.

Seduta 164
06/11/2023

**ĠBIR TA' SKART STRAORDINARJU - ALLOKAZZJONI FINANZJARJA**

**12508. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11754 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u jgħid minn Jannar 2023 kemm kienet l-allokazzjoni finanzjarja żejda li kellu sabiex ikun jista' jagħmel ġbir straordinarju ta' skart meta l-kuntratturi tal-Kunsilli Reġjonali ma jlaħħqux mal-ġbir?

18/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi minn Jannar 2013 ma ġew mitluba jew allokati ebda fondi addizzjonali għal ġbir straordinarju ta' skart, għaliex il-ġbir straordinarju li kien hemm bzonn sar bir-riżorsi eżistenti. Madankollu, fl-Estimi ta' 2024 ġie inkluż Line Item ta' €1 miljun sabiex isir investiment addizzjonali meħtieġ mid-Dipartiment konċernat biex ikun jista' jintervjeni f'każ ta' bżonn.

Seduta 164
06/11/2023

**CLEANING & MAINTENANCE DIVISION - ĦADDIEMA ALLOKATI GĦALL-ĠBIR TA' SKART STRAORDINARJU**

**12509. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11755 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u jgħid sa kemm se jibqa' jalloka persuni mill-Cleaning & Maintenance Division sabiex ikunu jistgħu jagħmlu ġbir straordinarju ta' skart, meta l-kuntratturi tal-Kunsilli Reġjonali ma jlaħħqux mal-ġbir?

18/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**AIR MALTA – DIRETTURI FIL-BORD**

**12536. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm diretturi fil-bord tal-Air Malta kull sena mis-sena 2014 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u x'kienet ir-remunerazzjoni ta' kull wieħed?

19/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 164
06/11/2023

**PERSUNI IMPJEGATI MAL-GVERN, MAL-KUMPANIJI PARASTATALI U AĠENZIJI TAL-GVERN PERMEZZ TAL-KUMPANIJI PRIVATI**

**12537. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni ġew impjegati mal-Gvern, mal-kumpaniji parastatali u aġenziji tal-Gvern permezz tal-kumpaniji privati mis-sena 2013 sas-sena 2017, mis-sena 2017 sal-2022, u mill-aħħar elezzjoni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

19/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**PERMESSI GĦAL DISABLED PARKING - LOKALITAJIET**

**12538. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11762 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm ġew approvati permessi ta' Disabled Parking f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma rispettivament, u jgħid ukoll f'liema lokalitajiet dawn ingħataw?

19/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.
Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li t-totali fit-tabella huma maqsuma kif isegwi:
Approvazzjoni ta' parkeġġi personalizzati - 1573 (minn dawn, 1180 ġew trasferiti minn komuni għal parkeġġi personalizzati)
Parkeġġi ġodda- 393
Parkeġġi komuni- 1319
Matul il-perjodu 2019 sal-2023 kien hemm 1712 parkeġġ ġdid.

Seduta 164
06/11/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - AVUKATI INTERNI - SEJĦIET**

**12571. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12158, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħiet kollha li nħarġu sabiex kienu mpjegati l-avukati li jaħdmu internament fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet u li għamel referenza għalihom fit-tweġiba tiegħu?

20/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 164
06/11/2023

**TALBIET GĦALL-AŻIL**

**12572. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa d-dewmien medju u massimu li l-awtoritajiet ħadu biex jipproċessaw u jikkonkludu talbiet għall-ażil mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li bejn l-1 ta' Jannar 2013 u t-23 ta' Ottubru 2023 l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali (IPA) ħadet id-dewmien medju kif stabbilit fit-Tabella A sabiex tipproċessa u tikkonkludi talbiet għall-ażil. F'dan ir-rigward, it-Tabella A tinkludi il-medja tal-ġranet li ttieħdu sabiex talbiet għall-ażil li ġew mitluba għal-ewwel darba (First Applications) u talbiet sussegwenti (Subsequent Applications) ġew ipproċessati u konklużi. Din l-informazzjoni hi maqsuma skond is-sena li fiha ddaħlet t-talba għall-ażil.

| TABELLA A | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Type of Application | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
| FIRST APPLICATION | 155.51 | 119.32 | 93.33 | 200.13 | 286.67 | 367.50 | 511.24 | 400.33 | 332.66 | 173.18 | 70.24 |
| SUBSEQUENT APPLICATION | 156.49 | 200.99 | 116.93 | 98.56 | 319.35 | 551.78 | 416.23 | 279.11 | 136.34 | 137.26 | 53.94 |

Rigward id-dewmien massimu li l-Aġenzija għall Protezzjoni Internazzjonali (IPA) ħadet sabiex tipproċessa u tikkonkludi talbiet għall-ażil bejn l-1 ta' Jannar 2013 u t-23 ta' Ottubru 2023, dan hu kif stabbilit fit-Tabella B. F'dan ir-rigward, it-Tabella B tinkludi il-massimu tal-ġranet li ttieħdu sabiex talbiet għall-ażil li ġew mitluba għal-ewwel darba (First Applications) u talbiet sussegwenti (Subsequent Applications) ġew ipproċessati u konklużi. Ta' min jinnota li dan 1id-dewmien hu kkalkulat fuq l-iktar każ li dam biex jiġi pproċessat u konkluż għal kull sena li fiha ddaħlet t-talba għall-ażil, skond it-tip t' applikazzjoni. Ta' min jinnota wkoll li dan id-dewmien jista' jkun minħabba raġunijiet esterni li l-Aġenzija ma jkolliex kontroll fuqhom.

| TABELLA B | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Type of Application | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
| FIRST APPLICATION | 3,057.00 | 1,624.00 | 1,137.00 | 1,743.00 | 1,988.00 | 1,942.00 | 1,687.00 | 1,363.00 | 995 | 640 | 253 |
| SUBSEQUENT APPLICATION | 1081.00 | 1084.00 | 1419.00 | 843.00 | 2286.00 | 1946.00 | 1707.00 | 1125.00 | 755.00 | 590.00 | 244.00 |

Ta' min jinnota wkoll li matul dawn l-aħħar ftit snin, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, grazzi wkoll għall-appoġġ ipprovdut mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, iffukat l-enerġiji tagħha fuq it-tnaqqis tal-backlog ta' talbiet għall-ażil, filwaqt li tiżgura proċess tal-ażil ġust u effiċjenti. Tabilħaqq, in-numru ta' talbiet għall-ażil pendenti naqas minn 4320 fl-aħħar tal-2020 għal 978 sal-aħħar ta' Settembru 2023.

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - ENCROACHMENT PERMITS 2023 MHUX IMĠEDDA**

**12573. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11698, jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-encroachment permits li fl-2023 ma kinux imġedda b'mod awtomatiku, u għalhekk twaqqfu?

20/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-total jammonta għal għaxra.

Seduta 164
06/11/2023

**ĊIMITERJU TAL-ANNIMALI - KWISTJONIJIET KUNTRATTWALI**

**12574. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11694, jista' l-Ministru jelabora dwar x'inhuma l-'kwistjonijiet kuntrattwali mal-kuntrattur' li qegħdin iżommu x-xogħol fiċ-Ċimiterju tal-annimali milli jitkompla?

20/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kwistjonijiet kuntrattwali mal-kuntrattur kienu ikkawżati minn dewmien fit-tlestija tax-xogħol u nuqqas ta' allinjament mal-pjan ta' eżekuzzjoni tax-xogħolijiet, u kif ukoll minħabba kwistjonijiet tekniċi relatati ma' nuqqas ta' konformità mal-ispeċifikazzjonijiet kuntrattwali stipulati fid-dokument tat-tender, riflessi fil-kuntratt rispettiv.

Seduta 164
06/11/2023

**ĦAL TARXIEN - PROPRJETÀ TAL-GVERN**

**12575. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-sit immarkat jew kwalunkwe parti mis-site plan mehmuż ma' din il-mistoqsija parlamentari hijiex proprjetà tal-Gvern? Jekk iva, jista' jindika liema huma?

20/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-sit indikat jifforma parti minn art ta' circa 28,500 metru kwadru, li ġiet reġistrata f'isem il-Gvern ta Malta f'1991.

Seduta 164
06/11/2023

**PERMESSI TA' SWIMMING POOLS F'RESIDENZI PRIVATI**

**12576. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn permessi ta' swimming pools f'residenzi privati, maqsuma skont il-lokalità li qegħdin fihom?

20/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar mhijiex responsabbli tal-liċenzjar ta' swimming pools, u dan it-tip ta' żvilupp, ħafna drabi, jkun komponent żgħir minn proġett akbar li jista' lanqas biss jissemma fil-proposta tal-iżvilupp u jkun jidher biss fil-pjanti sottomessi.

Seduta 164
06/11/2023

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN - PROJECT GREEN**

**12593. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11868, jista' l-Ministru jgħid min huwa l-perit tax-xogħlijiet, kemm tħallas u minn min tħallas?

20/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann illi skond il-Minuti tal-laqgħa 67, tas-27 ta' Frar 2023, il-Periti huma XYZ Ltd, u l-ammont imħallas huwa ta' €50,000.

Dan l-ammont tħallas minn fondi tal-Kunsill Lokali.

Seduta 164
06/11/2023

**PPCD - RAPPORTI TA' ABBUŻI MINN FONDI EWROPEJ**

**12594. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk waslux rapporti ta' abbużi minn Fondi Ewropej għand il-Planning and Priorities Co-ordination Division (PPCD)? Jekk iva, jista' l-Ministru jgħid x'passi ittieħdu mill-PPCD?

20/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull allegazzjoni ta' abbuż minn Fondi Ewropej li l-Planning and Priorities Co-ordination Division (PPCD) irċeviet sa mill-bidu ta' twaqqif tagħha fis-sena 2001, dejjem ġiet eżaminata bir-reqqa internament. Meta tali eżami juri li b'mod raġonevoli tali allegazzjoni hija ibbażata fuq fatti li jridu jiġu investigati iktar fil-fond, din l-allegazzjoni tiġi riferuta lill-Internal Audit and Investigations Department (IAID) f'konformità mal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 461 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta 164
06/11/2023

**TA' XBIEX - TRIQ IX-XATT - XOGĦLIJIET**

**12628. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti data ta' meta ser titlesta Triq ix-Xatt, ġewwa Ta' Xbiex u l-Imsida, peress li hemm numru ta' perikli?

23/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett ta' Triq ix-Xatt Msida għadu mhux konkluż peress li ltaqa ma' diversi problemi kemm tekniċi kif ukoll legali tant illi dwar dan il-proġett inbdew proċeduri legali fil-Qrati ta' Malta. Għaldaqstant f'dan il-proġett hemm dewmien temporanju. Sadattant, Transport Malta flimkien ma' Infrastructure Malta ħadet ħsieb sabiex jitneħħa l-periklu u jitnaqqas l-inkonvenjent.

Seduta 164
06/11/2023

**E-SCOOTERS**

**12629. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ser jitneħħew l-e-scooters minn Marzu 2024? Jekk il-Ministru wasal għall-konklużjoni li mhux biss ma kienx hemm infrastruttura għalihom imma wkoll hemm diversi abbużi, jista' jgħid għalfejn se jħalli dawn l-abbużi għaddejjin għal ħames xhur oħra?

23/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kiri ta' e-kick scooters se jkun projbit minn Marzu 2024 minħabba skadenzi ta' liċenzji tal-operaturi.

Seduta 164
06/11/2023

**SAN ĠWANN - TRIQ SALVU BUSUTTIL - SEWQAN EĊĊESSIV**

**12630. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex Transport Malta qed tirrifjuta li tpoġġi sleeping policeman jew miżuri oħra sabiex titnaqqas il-veloċità eċċessiva ta' vetturi li qed jużaw Triq Salvu Busuttil, ġewwa San Ġwann, bħala shortcut minn Triq tal-Balal għal Triq R. Caruana Dingli?

23/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta ma' saritilha l-ebda talba biex tiġi nstallata xi 'sleeping policeman' fi Triq Salvu Busuttil, ġewwa San Ġwann. Madanakollu, niġbed l-attenzjoni li f'din it-triq diġà hemm 'sleeping policeman' li kienet installata minn Transport Malta il-fuq minn sitt snin ilu.

Seduta 164
06/11/2023

**SAN ĠWANN - TRIQ SALVU BUSUTTIL - SEWQAN EĊĊESSIV**

**12631. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann qed jirrifjuta li jpoġġi sleeping policeman jew miżuri oħra sabiex titnaqqas il-veloċità eċċessiva ta' vetturi li qed jużaw Triq Salvu Busuttil, ġewwa San Ġwann, bħala shortcut minn Triq tal-Balal għal Triq R. Caruana Dingli? Fin-nuqqas ta' dan, ir-residenti jistgħu jżommu lill-Kunsill Lokali responsabbli għal kull eventwalità ta' diżgrazzja?

23/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann li hemm sleeping-policemanfi Triq Salvu Busuttil, San Ġwann. Aktar minn 6 snin ilu ġew installati żewġsleeping-policemenmill-entità kkonċernata, iżda ftit wara, fuq talba tar-residenti stess, tneħħa wieħed minnhom.

Seduta 164
06/11/2023

**SERVIZZI TAD-DAWL FIT-TOROQ**

**12655. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 12132 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u ċjoè : B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11728, peress li l-mistoqsija oriġinali ma ġietx imwieġba, tista' l-Ministru telenka u tipprovdi l-lista tat-toroq fejn saru s-servizzi tad-dawl u linji minn taħt l-art?

24/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Enemalta tagħmel sistemi ġodda għad-distribuzzjoni tal-elettriku taħt l-art u tibdel, testendi jew ittejjeb sistemi eżistenti f'kull triq fejn ikun meħtieġ.

Seduta 164
06/11/2023

**SERVIZZI TAD-DAWL FIT-TOROQ**

**12656. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 12133 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u ċjoè : B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11729 peress li l-mistoqsija ma ġietx imwieġba, tista' l-Ministru tipprovdi lista tat-toroq li fihom huwa ppjanat li se jingħaddew is-servizzi tad-dawl u linji minn taħt l-art fis-sena li ġejja?

24/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Peress li dan huwa proċess kontinwu, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12655.

Seduta 164
06/11/2023

**L-ISTAT TA' MALTA - ĦLAS TA' KUMPENS MILL-ISTAT - AMMONT**

**12657. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11763 u jgħid kemm hu l-ammont ta' flus ta' kumpens li ħallas l-Istat wara li ġie kkundannat bi ksur ta' dritt jew drittijiet fundamentali mill-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar għaxar snin, liema informazzjoni għandha tkun maqsuma sena b'sena rispettivament, u jindika l-ammonti maqsuma skont id-dritt fundamentali li jkun ġie miksur?

24/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni mitluba mis-sena 2021, sat-30 ta' Settembru 2023 tinsab hawn taħt. Din l-informazzjoni tkopri informazzjoni li nġabret minn mindu l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat sar uffiċċju għalih.

2021 - € 7,746,037.16
2022 - €14,377,549.74
2023 - €13,740,977.68
(sat-30 ta' Settembru 2023)

Id-dritt jew drittijiet fundamentali li ġew leżi skont l-istess sentenzi Kostituzzjonali huma:
L-Artikoli 33, 34, 36, 37, 38, 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
L-Artikolu 1, l-ewwel protokol, u l-Artikoli 2, 3, 5, 6, 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Seduta 164
06/11/2023

**SERVIZZ TA’ PHYSIOTHERAPY FID-DJAR - LISTA TA’ STENNIJA**

**12681. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-waiting list (f'tul ta' żmien) biex jingħata servizz ta' physiotherapy fid-djar mill-Gvern lill-anzjani f'Għawdex?

24/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - STRATEGIC & PRIORITIES UNIT**

**12682. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid fuq liema proġetti u inizjattivi qed taħdem l-iStrategic & Priorities Unit (SPU) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'dawn l-aħħar xhur u fil-preżent?

24/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lil Onor. Interpellant li l-SPU fi ħdan l-Ministeru għal Għawdex jaħdem fuq diversi proġetti u inizjattivi li jvarjaw minn żmien għal żmien. Fost l-oħrajn il-proġetti u l-inizjattivi jinkludu amministrazzjoni, turiżmu, affarijiet legali, ppjanar u infrastruttura, xogħlijiet pubbliċi u komunikazzjoni.

Seduta 164
06/11/2023

**GĦAWDEX - SERVIZZI TA' RIABILITAZZJONI GĦALL-ANZJANI**

**12683. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8997, li oriġinarjament saret lill Ministeru għal Għawdex, jista' l-Ministru jwieġeb it-tieni parti tal-mistoqsija u jgħid x'servizzi ta' riabilitazzjoni għall-anzjani hemm f'Għawdex bħalma jingħata fl-Isptar Karin Grech, f'Malta?

24/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**GĦAWDEX - XEWKIJA - TRIQ IL-PITKALIJA**

**12684. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10780 li ngħatat fil-11 ta' Lulju 2023, dwar x'inhuma r-raġunijiet li Triq il-Pitkalija, fix-Xewkija Għawdex, ilha għal aktar minn sentejn u nofs b'kisja waħda ta' asfalt u meta hi ppjanata li tingħata l-aħħar kisja sabiex din tkun lesta u fid-dawl li t-tweġiba kienet “tlabt lid-dipartiment ikkonċernat sabiex tali kisja tingħata”, jista’ l-Ministru jgħid għaliex għaddew iktar min tliet xhur u din it-triq għadha b' kisja waħda asfalt u jgħid ukoll meta ser tingħata t-tieni kisja?

24/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-parti tat-triq qiegħda nkluża fil-programm tax-xogħlijiet tal-Ministeru għal Għawdex.

Seduta 164
06/11/2023

**MALTA U GĦAWDEX - SPTARIJIET - IRKUPRU TA’ FLUS MINN FTEHIM**

**12749. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienu l-pagamenti kollha li saru, ir-raġuni, id-data ta’ meta saru, kemm kienu, min awtorizzahom, lil liema bank saru, f’liema pajjiż huwa liċenzjat il-bank fejn saru l-pagamenti u f’liema munita saru, lis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6986.

Seduta 164
06/11/2023

**DGĦAJJES TRADIZZJONI U ARTIĠJANALI – SKEMA TA’ GĦAJNUNA GĦALL-PRESERVAZZJONI**

**12781. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hija s-somma totali li qed tingħata għall-iskema ta’ għajnuna għall-preservazzjoni ta' dgħajjes tradizzjonali u artiġjanali? Jista’ jagħti breakdown ta' kif se tkun qed titqassam din is-somma mad-diversi speċi ta' dgħajjes tradizzjonali li se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema? Jista’ jgħid ukoll kemm-il dgħajsa u ta' liema tip diġà bbenefikaw minn din l-iskema?

26/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li hekk kif imniżżel fil-linji gwida tal-iskema għall-Preservazzjoni tad-Dgħajjes Tradizzjonali, ġew allokati €80,000 fejn kull applikant jista’ jibbenefika sa massimu ta’ Eur 5,000 jekk jitqis bħala eliġibbli. Infurmat ukoll li bħalissa l-applikazzjonijiet għadhom qegħdin jiġu evalwati mill-bord ta’ evalwazzjoni.

Seduta 164
06/11/2023

**GĦAQDIET VOLONTARJI - REĠISTRAZZJONIJIET**

**12801. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm għaqdiet volontarji ma baqgħux irreġistrati bħala tali minn meta ġiet imwieġba l-mistoqsija parlamentari 8697 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Liema kienu dawn l-għaqdiet? F'liema setturi kienu rreġistrati dawn l-għaqdiet, skont l-oqsma li jaħdmu fihom? X'kienet ir-raġuni li ma baqgħux irreġistrati?

27/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ma kien hemm ebda kanċellazzjonijiet mill-aħħar tweġiba. Il-lista ta' VOs li tneħħew mir-Reġistru tinsab hawn isfel:

- VO 1033 European Judo Union
- VO 1685 Isle of the Left
- VO 1880 Fondazzjoni Beraħ
- VO 2299 Friends of the Sacret Heart of Jesus Church
- VO 1769 Dorothean Ex-Alumnae Association
- VO 1852 3/11 Regt RMA Asssociation
- VO 1718 Malta Association of Homeopaths

Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellanta li fit-tweġiba ma ngħatat l-ebda raġuni għall-għeluq tal-VOs peress li dawn ma jipprovdux raġunijiet meta jispiċċaw volontarjament.

Seduta 164
06/11/2023

**IX-XEMXIJA - RAPPORTI FUQ IS-SIT FEJN KIEN HEMM MISTRA VILLAGE**

**12802. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12378 dwar rapporti fuq is-sit fejn kien il-Mistra Village, ix-Xemxija, jista' l-Ministru jgħid dwar xiex kienu s-60 rapport li waslu għand l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) u kif dawn ir-rapporti ġew ikkomunikati lill-istess Awtorità (email, ittra, telefon eċċ)? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu fuq kull wieħed minn dawn l-ilmenti?

27/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' 60 rapport li waslu għand l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) u kif dawn ir-rapporti ġew ikkomunikati lill-istess Awtorità. Ninfurmak li d-dipartiment tal-infurzar fi ħdan l-Awtorità ħa ħsieb li jagħmel spezzjoni immedjata fuq is-sit għal kull rapport li l-Awtorità irċeviet, tant li saru 40 spezzjoni lkoll relatati mar-rapporti imsemmija fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. L-Awtorità imponiet erba' penali u waqqfet ix-xogħlijiet fuq is-sit imsemmi tliet darbiet.

Seduta 164
06/11/2023

**IX-XEMXIJA - RAPPORTI FUQ IS-SIT FEJN KIEN HEMM MISTRA VILLAGE**

**12803. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12378 dwar rapporti fuq is-sit tal-eks Mistra Village, Xemxija, jista' l-Ministru jgħid dwar xiex kienu r-rapporti li waslu għand l-Awtorità tal-Ippjanar u kif dawn ir-rapporti ġew ikkomunikati lill-istess Awtorità (email, ittra, telefon eċċ.)? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu fuq kull wieħed minn dawn l-ilmenti?

27/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12802.

Seduta 164
06/11/2023

**SERVIZZ.GOV – UFFIĊĊJU F'SAN PAWL IL-BAĦAR**

**12804. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'servizzi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru ser ikunu qed jingħataw mill-uffiċċji tas-'servizz.gov' li nfetaħ ħdejn il-knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar? Jista' jgħid liema minn dawn is servizzi kienu jingħataw mill-uffiċċju tal-Qawra? Jista' jgħid ukoll jekk is-servizzi li kienu jingħataw mill-Qawra hux ser jibqgħu jingħataw minn hemm ukoll?

27/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija parlamentari tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**IX-XEMXIJA U GĦAJN TUFFIEĦA – INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU**

**12805. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' inċidenti tat-traffiku li seħħew bejn ix-Xemxija u Għajn Tuffieħa matul ix-xahar ta' Ottubru 2023? Jista' jgħid ukoll jekk il-pulizija talbux li jittieħdu xi miżuri partikulari ta' sigurtà minħabba dawn l-inċidenti?

27/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi minn verifiki li saru dwar in-numru ta’ inċidenti tat-traffiku li seħħew bejn ix-Xemxija u Għajn Tuffieħa matul ix-xahar ta’ Ottubru 2023, inċidenti li seħħew fit-Triq Għajn Tuffieħa u li huma reġistrati mal-LESA kienu erbgħa (4), b'żewġ (2) inċidenti oħra seħħew mar-roundabout tax-Xemxija, qabel tibda t-triq imsemmija. Ma kienx hemm aktar inċidenti tat-traffiku rrappurtati fl-istess triq fis-sistema tal-Pulizija. Dwar miżuri oħra nitolbok tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**IX-XEMXIJA U GĦAJN TUFFIEĦA – MIŻURI BIEX JITNAQQSU L-INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU**

**12806. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tieħu l-passi neċessarji biex fil-postijiet li fihom qed isir xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) bejn ix-Xemxija u Għajn Tuffieħa jittieħdu aktar miżuri ta’ sigurtà sabiex jitnaqqas il-periklu fit-triq u jiġi evitat li jseħħ xi inċident tat-traffiku, kif diġà ġara?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tista’ tassigura li qegħdin jittieħdu u jiġu mħarsa l-miżuri kollha ta’ saħħa u sigurtà fiż-żona indikata. Il-Korporazzjoni żżomm is-saħħa u s-sigurtà fil-prioritajiet li tħaddan u għaldaqstant kontinwament tara li dawn il-livelli jibqgħu jiġu milħuqa u miżmuma.

Seduta 164
06/11/2023

**SANTA VENERA – PROĠETT GĦAL SPAZJU MIFUĦ**

**12820. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tgħid f’liema stadju ta' xogħol wasal il-proġett ta' riġenerazzjoni għal spazju miftuħ fuq il-mini ta' Santa Venera?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11747.

Seduta 164
06/11/2023

**MARSA - TRIQ DIĊEMBRU TLETTAX - RIĠENERAZZJONI GĦAL SPAZJU MIFTUĦ**

**12821. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tgħid fiex waslet ir-riġenerazzjoni għal spazju miftuħ fi Triq Diċembru Tlettax ġewwa l-Marsa?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li Project Green għaddejja bl-istudju fuq il-proġett għaż-żona ta’ Triq Diċembru 13, li hu maħsub biex jgħaqqad iż-żewg naħat tal-lokalità tal-Marsa għall-ġid tar-residenti.

Seduta 164
06/11/2023

**BIRKIRKARA - MILI TAL-VIJI TAL-ILMIJIET**

**12822. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett biex jimtlew il-viji tal-ilmijiet ġewwa Birkirkara?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**PIETÀ -ĠNIEN TA' KAREN GRECH**

**12823. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju ta' riġenerazzjoni għal ġnien miftuħ għall-pubbliku, b'estensjoni, wasal il-Ġnien ta' Karin Grech?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:**
Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 12812.

Seduta 164
06/11/2023

**ĦAMRUN - SPAZJU MIFTUĦ GĦALL-PUBBLIKU U PARKEĠĠ TAĦT L-ART**

**12824. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-pjan biex minflok il-fabbrika tal-ħalib, ġewwa l-Ħamrun, isir parkeġġ taħt l-art u spazju miftuħ għall-pubbliku?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li Project Green bdiet is-surveys neċessarji biex jitħejjew l-istudji inizjali dwar is-sit indikat fil-Ħamrun. Sadattant, infurmata li għaddej ix-xogħol mill-Ministeru kkonċernat biex jinstab sit alternattiv għall-fabbrika tal-ħalib.

Seduta 164
06/11/2023

**KALKARA - ĠNIEN TAR-RINELLA**

**12825. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett tal-Ġnien tar-Rinella fil-Kalkara?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-proġett ta' Ġnien ir-Rinella fil-Kalkara sar b'investiment ta' €1 miljun u kien inawgurat fid-19 t'Ottubru tas-sena l-oħra.

Seduta 164
06/11/2023

**GĦOTI TA' KUMPENSI EX GRATIA**

**12834. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-kumpensi *ex gratia* li ġew mogħtija mill-Gvern Malti mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

30/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 164
06/11/2023

**AIR MALTA - MEDJATURI**

**12835. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, min kienu l-persuni li servew bħala medjaturi bejn il-Gvern Malti u l-unions li jirrappreżentaw lill-ħaddiema tal-Air Malta? Jista' jgħid ukoll għal kull waħda minn dawn il-persuni, meta ġiet maħtura bħala medjatur, kemm damet isservi bħala medjatur u xi ħlasijiet saru lil kull persuna li serviet bħala medjatur?

30/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-2013 sa' llum kien hemm medjatur wieħed biss bejn l-Air Malta u l-Unions li jirrappreżentaw lill-ħaddiema tal-Air Malta, u l-ebda pagament ma ġie mħallas lil din il-persuna fil-kapaċità tagħha ta' medjatur.

Seduta 164
06/11/2023

**MED9 - NEFQA**

**12836. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11628 u 12352, u jagħti rendikont sħiħ u dettaljat tan-nefqa li saret b'rabta mas-summit tal-Med9? Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kwalunkwe fattura, rendikont u/jew talba għal ħlas dwar l-imsemmi summit?

30/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Din is-sena kienet waħda importanti ħafna għal-pajjiżna, hekk kif tul is-sena Ministri mill-pajjiżi tal-Mediterran iltaqgħu f'pajjiżna biex iddiskutew diversi suġġetti bil-għan li fil-fora Ewropea nippreżentaw numru ta' pożizzjonijiet komuni. Fl-aħħar waħda minn sensiela ta' dawn il-laqgħat ġew f'pajjiżna l-Presidenti / Prim Ministri ta' tmien pajjiżi Mediterranji bħalna; Franza, Spanja, Kroazja, Slovenja, il-Greċja, Ċipru, il-Portugall u l-Italja u l-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kummissjoni Ewropea.

Lil hinn mid-diskussjoni u qbil dwar diversi temi kienet ukoll okkażjoni biex pajjiżna juri prova ta' suċċess li qed nagħmlu bl-użu tal-ikbar pakkett ta' Fondi Ewropew li qatt ġab pajjiżna, u kien hemm l-ewwel żjara tal-President tal-Kummissjoni Ewropea f'Għawdex.

It-tagħrif li qed jitlob l-Onor. Interpellant dwar dan l-avvenimenti ta' suċċess qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 164
06/11/2023

**GĦOTI TA' AMNESTIJI**

**12837. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2000 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari x'amnestiji ngħataw lill-priġunieri u kemm żmien f'kull każ? Jista' jgħid ukoll, għal kull darba li ngħatat amnestija, kemm-il priġunier ibbenefika mill-imsemmija amnestija?

30/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**GĦOTI TA' MAĦFRIET PRESIDENZJALI**

**12838. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il maħfra presidenzjali ngħatat mill-20 ta' Frar 2022 sas-26 ta' Marzu 2022? Jista' jagħti d-dettalji ta' kif inbidlet is-sentenza jew kundanna li dwarha ngħatat il-maħfra?

30/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont l-Art. 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-prerogattiva ta' maħfra hija vestita fl-E.T. il-President ta' Malta u minħabba din ir-raġuni mhux kull talba neċessarjament tiġi mogħddija lid-Dipartiment għall-Ġustizzja fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja. Madanakollu, skont l-informazzjoni li għandu dan id-dipartiment jidher li ma ngħatat l-ebda klemenza fil-perjodu msemmi fil-mistoqsija.

Seduta 164
06/11/2023

**GĦOTI TA' MAĦFRIET PRESIDENZJALI**

**12839. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il maħfra presidenzjali ngħatat mis-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jagħti d-dettalji ta' kif inbidlet is-sentenza jew kundanna li dwarha ngħatat il-maħfra?

30/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont l-Art. 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-prerogattiva ta' maħfra hija vestita fl-E.T. il-President ta' Malta u minħabba din ir-raġuni mhux kull talba neċessarjament tiġi mogħddija lid-Dipartiment għall-Ġustizzja fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja. Madanakollu, skont l-informazzjoni li għandu dan id-dipartiment jidher li ma ngħatat l-ebda klemenza fil-perjodu msemmi fil-mistoqsija.

Seduta 164
06/11/2023

**MALTA FILM COMMISSION – FILM GLADIATOR 2 – NEFQA**

**12862. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Malta Film Commission hijiex qed tiċċarġja u tiġbor rata ta' kull ġimgħa biex jinżamm f'postu s-sett ta' Gladiator 2? Jista' jgħid ukoll jekk tali klawsola kenitx inkluża bħala salvagwardja fil-kuntratt oriġinali ffirmat għall-istess produzzjoni u jekk dawn il-fondi hux se jitnaqqsu mir-rebate li se jingħata lill-kumpanija tal-produzzjoni tal-istess film?

30/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat li kull min jagħmel użu mill-faċilitajiet tal-Malta Film Studios, jagħmel dan bi ħlas.

Seduta 164
06/11/2023

**UNESCO – VALLETTA**

**12863. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'kompetenzi għandu l-UNESCO Valletta manager li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament? Jista' jgħid jekk kienx editur tal-ġurnal li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament ukoll? Qiegħed jieħu paga u/jew allowances u jekk iva, kemm? Jista' l-Ministru jgħid ukoll x'għamel f'dan l-irwol mill-bidu tas-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

30/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-kompetenzi akkademiċi tal-Valletta Site Manager jinkludu M.A. fl-istorja bi speċjalizzazzjoni dwar l-Ordni ta' San Ġwann, apparti minn diversi papers akkademiċi dwar l-istorja u l-kultura Maltija.

Infurmat ukoll li huwa kien serva għal seba' snin bħala editur ta' it-TORĊA kif ukoll opinjonista ta' The Times of Malta.

Intant infurmat li l-Valletta Site Manager mhux qed jirċievi l-ebda pagament addizzjonali. Dan ix-xogħol żdied mal-bqija tad-dmirijiet tiegħu bħala Direttur, li għalih jitħallas bħal kull direttur ieħor fis-servizz pubbliku.

Infurmat li kemm ilu f'dan l-irwol, is-site manager ġabar madwaru numru ta' esperti li flimkien sawru l-management plan għall-Belt Valletta.

Finalment infurmat ukoll li filwaqt li kellu kuntatt ma' Site Managers oħra barra minn Malta, hu mexxa numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni ma' persuni tekniċi u stakeholders waqt it-tiswir tal-pjan, ħadem fuq repożitorju ta' dokumentazzjoni viżwali tal-Belt Valletta, assista fil-kompilazzjoni tal-State of Conservation Report fi Frar li għadda u kkompila l-Periodic Report f'Lulju li għadda.

Seduta 164
06/11/2023

**PERSUNI LI BBENEFIKAW MINN SENTEJN KREDITI TA' BOLOL**

**12864. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid fis-sena 2023 kemm kien hemm persuni li bbenefikaw minn sentejn krediti ta' bolol peress li ma jkunux ħadmu għal xi perjodu bejn l-età ta' 18-il sena u l-età ta' 30 sena u kienu ċċertifikati li matul dak il-perjodu rċevew kura regolari minn psikjatra li jkun jew li kien konsulent impjegat mal-Gvern?

30/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kien hemm tliet persuni li ma kienux jaħdmu bejn it-18-il sena u t-30 sena li bbenefikaw minn sentejn krediti ta' bolla wara li kienu ċċertifikati li f'dak il-perjodu rċevew kura regolari minn psikjatra li kien konsulent mal-Gvern.

Seduta 164
06/11/2023

**PENSJONI TAS-SERVIZZ**

**12865. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid illum kemm huma l-pensjonanti li għandhom il-pensjoni tas-servizz u jaqsam din l-informazzjoni skont kemm minnhom għandhom:
a. inqas minn 72 sena;
b. bejn 72 sena u 79 sena;
ċ. bejn 80 sena u 89 sena; u
d. 90 sena jew aktar?

30/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' persuni li jirċievu pensjoni tas-servizz jammonta għal 13,010.

In-numru ta' persuni skont l-etajiet imsemmija huma kif ġej:

a. inqas minn 72 sena: 4,346 persuna
b. bejn 72 sena u 79 sena: 4,778 persuna
ċ. bejn 80 sena u 89 sena: 3,180 persuna
d. 90 sena jew aktar: 706 peruni

Seduta 164
06/11/2023

**PERSUNI LI JIRĊIEVU L-PENSJONI TAR-ROMOL U BENEFIĊĊJI OĦRA**

**12866. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm huma l-persuni li kienu qed jirċievu pensjoni tar-romol u li kienu wkoll intitotali għal xi benefiċċji soċjali fis-sena 2023? Jista' jgħid kemm minnhom ibbenefikaw mill-benefiċċju kontributorju tal-qgħad, kemm minnhom ibbenefikaw mill-benefiċċju tal-mard u kemm minnhom ibbenefikaw mill-benefiċċju kontributorju tal-korriment fuq ix-xogħol? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

30/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi t-tabella li ssegwi tirreferi għall-pensjonanti romol li bbenefikaw mill-Benefiċċju għal Qgħad, Benefiċċju għal Mard u il-Benefiċċju għall-Korriment fuq ix-Xogħol:

| **Sa Ottubru 2023 - Pensjonanti Romol li rċivew :** | **Nisa** | **Irġiel** | **Total** |
|---|---|---|---|
| Benefiċċju Għal Qgħad (UB) | 2 | 0 | 2 |
| Benefiċċju Għal Qgħad (UB) u Benefiċċji Soċjali oħra* | 4 | 4 | 8 |
| Benefiċċju tal-Mard (SB) | 46 | 14 | 60 |
| Benefiċċju tal-Mard (SB) u Benefiċċji Sojali oħra* | 17 | 5 | 22 |
| Benefiċċju tal-Mard (SB) u Benefiċċju Korriment fuq Xogħol (IB) | 1 | 0 | 1 |
| Benefiċċju Korriment fuq Xogħol (IB) | 3 | 1 | 4 |
| Benefiċċju Korriment fuq Xogħol (IB) u Benefiċċji Soċjali oħra* | 1 | 0 | 1 |
| **Total UB/SB/IB** | **74** | **24** | **98** |

Qiegħed ukoll jiġi riferut in-numru ta' pensjonanti romol li jirċievu xi benefiċċji soċjali oħra:

| **Sa Ottubru 2023 - Pensjonanti Romol li rcivew :** | **Nisa** | **Irġiel** | **Total** |
|---|---|---|---|
| Benefiċċji Soċjali oħra* | 8,383 | 166 | 8,549 |

***Benefiċċji Soċjali oħra jinkludu :**
ADCL/AP/BLD/CA/CAFR/CAS/CRA/CRG/DA/DCA/
ENRG/FCA/ICRA/ISDA/
IWB/LA/SA/SDA/SKA/SPA/UA/UAT

Seduta 164
06/11/2023

**PERSUNI LI MA JIKKWALIFIKAWX GĦALL-PENSJONI KONTRIBUTORJA**

**12867. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid illum kemm hu n-numru ta' persuni li laħqu l-età tal-irtirar li ħallsu anqas minn ħames snin kontribuzzjonijiet u li ma jikkwalifikawx għall-pensjoni kontributorja? Jista' jgħid kemm hu l-bonus li qed jieħdu fis-sena? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

30/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, n-numru ta' persuni li laħqu l-età tal-irtirar li ħallsu anqas minn ħames snin kontribuzzjonijiet kien ta' 6,368. Minnhom kien hemm 5,789 mara u 579 raġel.

Ta' min jgħid li sal-aħħar tas-sena dan in-numru jkun akbar minħabba l-fatt li min jagħlaq żmienu minn issa sal-aħħar tas-sena, jitħallas pro-rata.

Il-bonus fis-sena għal min ikun ħallas anqas minn ħames snin bolol (bejn sena sa erba' snin bolol), fil-preżent, jammonta għal €450. Fl-2024, hekk kif ġie mħabbar fil-baġit, dan il-bonus ser jitla' minn €450 għal €500 fis-sena.

Seduta 164
06/11/2023

**PERSUNI LI MA JIKKWALIFIKAWX GĦALL-PENSJONI KONTRIBUTORJA**

**12868. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid illum kemm hu n-numru ta' persuni li laħqu l-età tal-irtirar li ħallsu aktar minn ħames snin imma inqas minn għaxar snin kontribuzzjonijiet u li ma jikkwalifikawx għall-pensjoni kontributorja? Jista' jgħid kemm hu l-bonus li qed jieħdu fis-sena? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

30/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' persuni li laħqu l-età tal-irtirar li ħallsu aktar minn ħames snin imma anqas minn għaxar snin kontribuzzjonijiet fil-preżent jammonta għal 6,932. Minnhom hemm 6,627 mara u 305 irġiel.

Ta' min jgħid li sal-aħħar tas-sena dan in-numru jkun akbar minħabba l-fatt li min jagħlaq żmienu minn issa sal-aħħar tas-sena, jitħallas pro-rata.

Il-bonus fis-sena għal min ikun iħallas aktar minn ħames snin imma inqas minn għaxar snin kontribuzzjonijiet, fil-preżent, jammonta għal €550. Fl-2024, kif imħabbar fil-baġit, dan il-bonus ser jitla' minn €550 għal €600 fis-sena.

Seduta 164
06/11/2023

**TFAL LI KIENU FOSTERED U LI ĠEW ADOTTATI**

**12869. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'dawn l-aħħar tliet snin kienx hemm addozzjonijiet ta' tfal li kienu qed jiġu fostered? Jekk iva, jista' jgħid kemm kien in-numru fis-snin 2021, 2022 u 2023 u jgħid ukoll kemm minnhom ġew addottati mill-istess familja li kienet qed tiffosterjahom u kemm minnhom ġew addottati minn persuni oħra?

30/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, f'dawn it-tliet snin, kien hemm 13-il minuri li kienu qed jitrabbew f'foster care placement u li ġew freed-up għall-addozzjoni b'suċċess mill-Qrati ta' Malta. Dawn l-addozzjonijiet jinqasmu kif ġej:

| Sena | Tip ta' Foster Care | Addottati mill-istess Foster carer/s | Addottati minn ġenituri addottivi prospettivi |
|---|---|---|---|
| 2021 | Żewġ minuri kienu f'foster care placement; u Żewġ minuri kienu f'respite foster care placement | 1 | 3 |
| 2022 | Minuri kien f'kura alternattiva (dar residenzjali) qabel ma ġie addottat; u Minuri ieħor kien f'foster care placement | 1 | 1 |
| 2023 | 7 minuri kienu kollha f'foster care placement | 7 | 0 |
| **Total** | | **9** | **4** |

Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, l-proċess biex wieħed jaddotta, huwa proċess li jrid jgħaddi minn diversi stadji tal-Qorti u, għaldaqstant, fl-2023 qed naraw l-frott tal-ħidma tas-snin preċedenti li bdiet mad-dħul tal-liġi tal-Protezzjoni tat-Tfal (Kura Alternativa) fl-2020.
Preżentement hemm ukoll 4 każijiet oħra ta' minuri li qed jinstemgħu fil-Qrati ta' Malta, b'rakkomandazzjoni għall-addozjoni.

Każjiet fejn il-minuri li jkunu rilaxxati għall-addozzjoni, ma jiġux addottati mill-istess foster carers iżda minn ġenituri prospettivi oħra, iseħħu biss jekk dik tkun l-aħjar deċiżjoni fl-aħjar interessi tal-istess minuri skont il-

care plan tal-istess minuri. Il-matching ta' dawn il-minuri isir minn professjonisti mħarrġa apposta fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva, sabiex nassiguraw li verament tinstab l-aħjar familja għalihom, skont l-ħtiġijiet tal-istess minuri.

Seduta 164
06/11/2023

**COLA**

**12885. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12544 u jgħid jekk hemmx ħsieb li l-COLA (cost of living adjustment) ma tkunx taxxabbli?

30/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-miżura mhix inkluża fil-Baġit 2024.

Seduta 164
06/11/2023

**STABBILIMENTI TAL-IKEL U X-XORB - TNAQQIS FIR-RATA TAL-VAT**

**12886. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12545 u jgħid jekk hemmx ħsieb biex inaqqas ir-rata tal-VAT lill-istabbilimenti tal-ikel u x-xorb biex jagħti nifs lil dan il-qasam minħabba ż-żieda fl-ispejjeż?

30/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-miżura mhux inkluża fil-Baġit 2024.

Seduta 164
06/11/2023

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - KAŻ TA' PERSUNA**

**12887. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid f'liema pożizzjoni qiegħda fil-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali l-applikazzjoni tal-persuna li d-dettalji tagħha qed jintbagħtu separatament? Jista' jagħti d-dettalji preċiżi ta' kif taħdem din il-lista ta' stennija u l-kriterji kollha li jiġu applikati, inkluż jekk hemmx forma ta' first-come-first-served basis? Jista' wkoll jagħti indikazzjoni ta' meta l-persuna għandha tistenna li tingħata tali akkomodazzjoni?

30/10/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista ta' stennija tiddependi minn fatturi varji fosthom is-sitwazzjoni preżenti tal-applikant u assessments li jsiru minn professjonisti fi ħdan l-istess Awtorità tad-Djar u li jagħtu stampa aktar ċara tal-bżonnijiet u l-għażliet tal-istess applikanti.

Seduta 164
06/11/2023

**MONITORAĠĠ TA' PRIĠUNIERI**

**12888. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kif qed isir monitoraġġ tal-priġunieri li jkunu barra l-ħabs, inkluż dawk li jkunu qed jaħdmu barra l-ħabs?

30/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-moniteraġġ tal-priġunieri li jkunu fuq barra jsir b'diversi metodi li waħda ma jeskludix lil oħra. Hemm sistemi ta' ankle braclet (moniteraġġ elettroniku) li huwa amministrat mill-Aġenzija stess, isiru spezzjonijiet għal għarrieda kif ukoll, f'każijiet oħra, ikun hemm anke skorti u superviżjoni mill-uffiċjali.

Seduta 164
06/11/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - DIRETTUR**

**12889. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk wara li l-eks Direttur tal-Ħabs, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, tilef numru ta' libelli, kienx hemm xi spejjeż legali li tħallsu mill-Gvern jew mill-Aġenzija Korrettiva? Jista' jgħid ukoll jekk wara li ntilfu dawn il-libelli, uħud minnhom fuq materji sensittivi u kontroversjali ħafna, dan l-individwu għadux jokkupa l-kariga tiegħu fil-Libja jew xi kariga governattiva oħra?

30/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kawżi ta' libell huma fin-natura tagħhom personali u għaldaqstant spejjeż marbuta magħhom għandhom jitħallsu mill-individwi li jiftħuhom. Infurmat illi fejn kien hemm xi spejjeż illi skorrettament tħallsu mill-Aġenzija, sar rifużjoni tagħhom.

Seduta 164
06/11/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - KARIGI TA' CFO U COO**

**12890. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-karigi ta' Chief Operating Officer (CFO) u Chief Operations Officer (COO) fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin ġewx mimlija? Jekk iva, meta u minn min? Jekk le, min qed jaqdi dawn ir-responsabbilitajiet essenzjali?

30/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi għaddejja bl-eżerċizzju tagħha ta' approvazjon tal-human resources plan imġedded. Il-karigi msemmija se jiġu mimlija malli dan l-eżerċizzju jkun magħluq.
Fl-assenza ta' dawn iż-żewġ karigi u b'mod temporanju, ir-responsabbiltajiet imsemmija qed jiġu koperti minn impjegati fi gradi maniġerjali u li huma kompetenti fuq is-suġġetti msemmija.

Seduta 164
06/11/2023

**BCA - KONSULENTI**

**12894. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12530 u 12646 u jgħid min huma l-konsulenti tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) u kemm-il direct order ingħata lil dawn il-konsulenti mill-bidu tat-twaqqif tal-Awtorità, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista u kopja ta' dawn id-direct orders kif ukoll tax-xogħol li jridu jwettqu għall-ħlas li qed jingħataw? Jista' jgħid ukoll x'kienu x-xogħlijiet imwettqa minn dawn l-konsulenti u jekk dan kienx jinkludi wkoll li jagħmlu reviżjoni tal-'Method Statements'?

31/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 164
06/11/2023

**P71 – NEFQA FUQ L-ELETTRIKU**

**12899. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12615 fl-intier tagħha u jgħid hux qed jintefqu madwar 1,300/1,400 diesel kuljum?

31/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-konsum ta' diesel meta l-lanċa tkun imqabbda mal-generator ikun ta' madwar 1,150 kuljum, li bejn wieħed u ieħor huwa ekwivalenti għall-ammont ta' elettriku kkunsmat meta l-lanċa tkun imqabbda mas-sistema tas-shore supply.

Seduta 164
06/11/2023

**DETENTION SERVICES AGENCY - RATA TA' PAGA GĦAD-DETENTION SERVICES**

**12900. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Detention Services Officers fi ħdan id-Detention Services Agency li matul is-sena 2022, il-paga tagħhom bl-allowances u l-overtime, telgħet għal aktar minn €3,000 fix-xahar? Jista' jgħid ukoll f'liema shift ħadmu u l-lokalitajiet fejn jgħixu dawn l-istess ħaddiema?

31/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illli tul l-2022 kien hemm tnax-il persuna fil-grad ta' Detention Services Officer li kellu minn tal-anqas paga waħda li meta żżid l-allowances u l-overtime laħqet it-3,000Eur. Il-lokalitajiet li jgħixu fihom dawn il-persuni huma: Is-Siġġiewi, Iż-Żejtun, Ħaż-Żabbar, Marsascala, l-Imqabba, St Venera, Birkirkara, Gżira, l-Birgu u Ħal Kirkop.

Seduta 164
06/11/2023

**SULDATI MALTIN - IRLANDA – KORSIJIET**

**12901. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'wassal sabiex ma jitkomplewx jintbagħtu suldati Maltin sabiex isegwu korsijiet ġewwa Curragh fl-Irlanda?

31/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Forzi Armati ta' Malta għandha relazzjoni kollaborattiva mal-Forza tad-Difiża Irlandiża. Preżentament, il-programm ta' taħriġ tal-uffiċjali kadetti Maltin ma ġiex imġedded minħabba reviżjonijiet interni u limitazzjonijiet fil-Forza tad-Difiża Irlandiża. Madanakollu, l-FAM għadha tipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ barra l-pajjiż għall-kadetti ma' msieħba oħra barranin. Barra minn hekk, il-FAM għandha appoġġ kontinwu mill-Forza tad-Difiża Irlandiża f'forma ta' taħriġ u korsijiet alternattivi. Ukoll, il-FAM għandha 25 Membru li bħalissa qed jattendu taħriġ barra 'l pajjiż, fosthom fl-Italja, fl-Ingilterra u fl-Istati Uniti tal-Amerika. Matul din is-sena 134 suldat ħadu taħriġ b'mod prinċipali fl-imsemmija pajjiżi.

Seduta 164
06/11/2023

**SULDATI MALTIN – KORSIJIET BARRA MINN MALTA**

**12902. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm suldati Maltin li qed isegwu korsijiet barra minn Malta sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll liema huma l-postijiet fejn dawn is-suldati qed jintbagħtu biex isegwu dawn il-korsijiet?

31/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat l-Forzi Armati ta' Malta bħalissa għandha 25 membru li qed jattendu taħriġ barra minn Malta fosthom l-Italja, l-Irlanda, l-Ingilterra u l-Istati Uniti tal-Amerika. Mill-bidu tas-sena sallum, in-numru addizzjonali ta' membri tal-FAM li ħadu taħriġ jew ipparteċipaw f'eżerċizzji barra l-pajjiż jammonta għal 134. Dawn saru f'bosta pajjiżi bil-parti l-kbira minnhom isiru l-Italja, l-Ingilterra u l-Istati Uniti tal-Amerika.

Seduta 164
06/11/2023

**UŻU TA' YACHT**

**12903. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12616 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u jgħid kemm ġiet tiswa l-yacht mixtrija minn Yachting Malta li ngħatat l-isem ta' "Viva Malta"? Jista' jgħid ukoll għaliex din tħalliet mitluqa ġewwa boat yard fil-Marsa, li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, u ma ntużat qatt?

31/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l- Yacht "Viva Malta" ġie mixtri €344,292 (US $ 390,000) u kien qiegħed f'yard fil-Marsa fejn sarulu xi xogħolijiet biex jiġi preparat għat-tlielaq. Bħalissa għaddejjin preparamenti sabiex jibda it-taħriġ tal-ekwipaġġi li ser itellqu dan il-Yacht. Sadanittant ninforma li il-Yacht m'għadux fil-boatyard msemmija iżda jinstab sorġut fil-Marina Creek f'Ta Xbiex. Huwa ppjanat li l-Yacht jibda jieħu sehem fit-tlielaq fl-2024.

Seduta 164
06/11/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - BUDGET 2024 - SPIŻA FUQ REKLAMAR**

**12904. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont totali tal-ispiża ta' reklamar u propaganda li saret mill-Gvern wara d-diskors tal-budget, li sar nhar it-Tnejn 30 ta' Ottubru 2023, b'rabta mal-Budget 2024?

31/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 164
06/11/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - BAĠIT 2024 - SPIŻA FUQ REKLAMAR**

**12905. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont totali tal-ispiża ta' reklamar u propaganda li saret mill-Gvern wara d-diskors tal-baġit, li sar nhar it-Tnejn 30 ta' Ottubru, b'rabta mal-Budget 2024?

31/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi meta l-Gvern ikun għamel baġit b'tant miżuri b'saħħithom biex minnhom jibbenefikaw tant familji, pensjonanti u negozji, huwa obbligu tal-istess Gvern li jinforma lill-pubbliku, u li joħloq referenza fejn wieħed ikun mgħarraf u jista' jikseb iktar informazzjoni.
Għad-dettalji nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023

**OPERATURI TA’ SERVIZZI TA’ TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI U KIRI TA’ VETTURI - LIĊENZJI MAĦRUĠA**

**12906. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il Liċenzja ta’ Operatur (skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68) inħarġet mill-2019 sal-ġurnata li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari u jaqsam l-informazzjoni sena b’sena?

31/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f’seduta oħra.

Seduta 164
06/11/2023

**BUDGET 2024 - ENEMALTA - IMPJANTI TA' EMERĠENZA**

**12976. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tispjega fid-dettall fiex ser ikun qed jikkonsisti l-kiri temporanju ta' kapaċità ta' 60MW f'impjanti ta' emerġenza għall-Enemalta li tħabbar fid-Diskors tal-Baġit 2024 (paġna 72)?

01/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Kif jaf tajjeb l-Onor. Interpellant is-sajf li għadda, wara mewġa ta’ sħana bla preċedent, kien hemm żieda straordinarja fid-domanda għall-elettriku f’pajjiżna fejn l-ogħla domanda (il-peak demand) żdiedet b’14.1 fil-mija fuq dik tal-2022. Dan meta ż-żieda medja bejn l-2010 u l-2022 kienet ta’ 3.5 fil-mija. L-Enemalta għandha l-kapaċitá neċessarja li tlaħħaq sew mad-domanda lokali għall-elettriku, u anke għandha l-kapaċitá standby ekwivalenti għall-ikbar sors ta’ ġenerazzjoni li għandha, dak li huwa magħruf bħala l-N-1, b’tali mod li anke jekk ma jaħdimx dan l-ikbar sors, l-Enemalta xorta għandha l-kapaċitá tilqa’ għad-domanda.
Madankollu l-Gvern ħass li fid-dawl tal-effetti bla preċedent tat-tibdil fil-klima, u bħala prekawzjoni jekk jinqala’ l-każ li simultanjament imur l-ikbar impjant kif ukoll ikun hawn xi mewġa ta’ sħana li tkun ikbar milli rajna dan is-sajf, allura jkun tajjeb li naħsbu għall-kapaċitá addizzjonali ta’ 60MW biex nassiguraw li anke jekk Malta tintlaqat bil-mod li diġà aċċennajt għalih, ikun hemm il-kapaċitá teknika li tilqa’ għal dan. Huwa għalhekk li ser tinkera din il-kapaċitá teknika ta’ 60MW. Dan jirrifletti l-għaqal tal-Gvern li mal-ħtiġijiet tal-poplu u tal-industrija ma jiċċajtax.

Seduta 164
06/11/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MEMBRI**

**12977. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm huma l-membri fil-Korp tal-Pulizija li huma stazzjonati speċifikament fid-distretti jew fil-branches, u jispeċifika l-figura mqassma fuq kull distrett skont l-irħula/bliet u f'kull branch separatament, inklużi l-gradi tal-Pulizija stazzjonati kif meħtieġ?

01/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi membri fil-Korp tal-Pulizija inkluż ħaddiema ċivili li huma stazzjonati fid-distretti u taqsimiet oħra tal-Korp maqsuma kif mitlub mill-Onor. Interpellant huma kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt:

| Posting | COP | DC | AC | SUPT | INSP | 2/SM | PC | PS | RPC | Civilian |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1 PD** | | | | 1 | 3 | | 32 | 13 | 1 | |
| **2 PD** | | | | 1 | 3 | | 38 | 13 | 1 | |
| **3 PD** | | | | | 3 | | 37 | 9 | 2 | |
| **4 PD** | | | | 1 | 3 | | 43 | 10 | 1 | |
| **5 PD** | | | | | 3 | | 37 | 10 | 1 | |
| **6 PD** | | | | 1 | 3 | | 57 | 14 | 1 | 1 |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **7 PD** | | | | 1 | 3 | | 52 | 10 | 1 | |
| **8 PD** | | | | 1 | 3 | | 44 | 12 | | |
| **9 PD** | | | | 1 | 4 | | 58 | 15 | | |
| **10 PD** | | | | | 3 | | 39 | 10 | 2 | |
| **11 PD** | | | | 1 | 3 | | 37 | 9 | 2 | |
| **Gozo (12 PD)** | | | | 1 | 3 | | 63 | 10 | | |
| **Gozo (Asset Management)** | | | | | | | | | 2 | 1 |
| **Gozo (Custody)** | | | | | | | | 2 | 5 | |
| **Gozo (Forensic Science Laboratory (MPFSL))** | | | | | | | 2 | | | |
| **Gozo (Rapid Intervention Unit (RIU))** | | | | | | | 7 | | | |
| **Gozo (Sentry)** | | | | | | | 1 | | | |
| **Gozo (Traffic)** | | | | | | | 8 | | 1 | |
| **Academy Of Disciplined Forces (ADF)** | | | | | | | 2 | 3 | 1 | |
| **Asset Management** | | | | | 1 | 1 | 33 | 2 | 24 | 14 |
| **Central Delivery Office (CDO)** | | | | | | | 14 | 1 | 5 | |
| **Central Intelligence & Analysis Unit (CIAU)** | | | | 1 | 3 | | 3 | 4 | 1 | 7 |
| **Centralized Offices** | | | | 1 | 1 | | | | | |
| **Command & Control Room** | | | | | 2 | | 22 | 5 | 1 | |
| **Commissioner Of Police Office** | 1 | | | | 1 | | 2 | 2 | | 1 |
| **Communications & Insight** | | | | | 1 | | 5 | 3 | 1 | 38 |
| **Counter Terrorism Unit (CTU)** | | | | 1 | 3 | 1 | 3 | 2 | | |
| **Crime Prevention & Community Policing** | | | | | 2 | 1 | 96 | 24 | 5 | |
| **Criminal Investigations (CID)** | | | | 2 | 9 | | 22 | 11 | | |
| **Criminal Records Office (CRO)** | | | | | | | 3 | 1 | | |
| **Custody** | | | | | | | 16 | 7 | | 1 |
| **Cyber & Vulnerable Victims Office** | | | 1 | | | | | | | |
| **Cyber Crime Unit (CCU)** | | | | 1 | 5 | | 11 | 9 | 2 | 3 |
| **Digital Policing** | | | | | 1 | | | 2 | | |
| **Districts Region A Office** | | | 1 | | | | | | | |
| **Drugs Squad (DSQ)** | | | | | 6 | | 15 | 10 | | |
| **FCID** | | | | 2 | 25 | | 38 | 26 | 1 | 4 |
| **Environment Protection Unit (EPU)** | | | | | 1 | | 20 | 3 | 2 | |
| **Field & Operational Support Office** | | 1 | | | | | | | | |
| **Finance & Administration Office** | | | | | | | | 1 | | 14 |
| **Forensic Science Laboratory (MPFSL)** | | | | | 1 | | 9 | 19 | 2 | 28 |
| **Gender-Based & Domestic Violence (GBDV)** | | | | | 7 | | 33 | 14 | 2 | 1 |
| **Human Resources Management (HR)** | | | | | 2 | | 4 | 1 | 1 | 6 |
| **Immigration** | | | 1 | 1 | 5 | | 53 | 28 | 11 | 77 |
| **In-Field & Communications Technology** | | | | | 1 | | 5 | 3 | | |
| **Information Technology** | | | | | 1 | | 23 | 9 | | 5 |
| **Internal Audit** | | | | | 1 | | | | | 1 |
| **International Relations Unit (IRU)** | | | | | 5 | | 32 | 9 | 2 | 3 |
| **Investigations & Technical Support Office** | | 1 | | | | | | | | |
| **K9 Section** | | | | | 1 | | 16 | 4 | 6 | 1 |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Legal** | | | | | 2 | | 1 | | | 2 |
| **Mounted Section** | | | | | | | 12 | 2 | | |
| **Occupational Health & Welfare** | | | | | | | 1 | | | 2 |
| **Parliament** | | | | | | | 14 | 3 | | |
| **Police Licensing Office (PLO)** | | | | | | | 3 | 1 | 1 | |
| **Principal Citations Office (PCO)** | | | | | 1 | | 8 | 3 | 4 | |
| **Procurement** | | | | | | | 1 | 1 | | 2 |
| **Professional Standards** | | | | 1 | 2 | 6 | 1 | | 1 | |
| **Projects Management** | | | | | | | 3 | 1 | 1 | 8 |
| **Protective Services** | | | | 1 | | | 1 | | | |
| **Quartermaster & Supplies (QMS)** | | | | | 1 | | 5 | 3 | 4 | 5 |
| **RIU & SIU** | | | | | 2 | | 89 | 13 | | 1 |
| **Secretariat** | | | | | | | 2 | 1 | | 5 |
| **Security** | | | | | | | 10 | 3 | | |
| **Sentry** | | | | | | | 10 | 1 | 45 | |
| **Staffing & Major Events** | | | | | 1 | 2 | 9 | 20 | 4 | |
| **Statistics** | | | | | | 1 | 4 | 2 | | 1 |
| **Strategy & Transformation Office** | | | | | | | | | | 2 |
| **Traffic** | | | | | 2 | | 19 | 7 | 5 | |
| **Transformation & Change Management** | | | | | 2 | | | | | |
| **Other Ranks Canteen (ORC)** | | | | | | | 4 | | 4 | |
| **Vice Squad (VSQ)** | | | | 1 | 5 | | 10 | 6 | | |
| **Victim Support Unit (VSU)** | | | | | 1 | | 2 | 1 | | 1 |
| **Weapons Office** | | | | | 1 | | 3 | 1 | 2 | |
| **Posting Pool** | | | 2 | 3 | 12 | 1 | | 48 | 28 | 3 |
| **Others** | | | | 1 | 4 | | 3 | 13 | 23 | |

Seduta 164
06/11/2023

**BCA – DIRECT ORDERS**

**12984. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12648, jista' l-Ministru jikkonferma li ġie nfurmat mill-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni (BCA) li kien fix-xahar t'April 2022 li din il-persuna li tokkupa kariga ta' Chief Officer ingħatat żieda annwali ta' €10,000?

01/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat mill-Awtorità li, l-allowance li għalijha ssir riferenza fil-mistoqsija parlamentari 12648 ġiet awtorizzata mill-Kap Eżekuttiv ta' dak iż-żmien, li serva fl-Awtorità sa' l-aħħar ta' Mejju, 2022.

Seduta 164
06/11/2023

**BCA – DIRECT ORDERS**

**12985. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12648, jista' l-Ministru jikkonferma li matul l-aħħar ġimgħa tal-impjieg tal-eks CEO tal-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni (BCA), preċiżament fl-aħħar ta' Mejju 2022, il-Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani tat istruzzjonijiet sabiex b'effett immedjat dan l-istess individwu jsirlu aġġustament fis-salarju annwali tiegħu, b'żieda ta' €10,000, kif ukoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' din il-korrispondenza?

01/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12984.

Seduta 164
06/11/2023

**BCA – DIRECT ORDERS**

**12986. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12648, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-talba uffiċjali li saret minn din il-persuna u l-ġustifikazzjoni li ressqet biex tkun tista' tikkwalifika u tibbenefika minn żieda ta' €10,000 fis-sena, kif ukoll l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa, jiġifieri dawk tal-eks Kap Eżekuttiv, il-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, is-Segretarju Permanenti u l-Industrial Relations Unit fi ħdan l-OPM?

01/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12984.

Seduta 164
06/11/2023

**BCA – DIRECT ORDERS**

**12987. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12648, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont xahar b'xahar ta' kif dan l-aġġustament pożittiv tqassam fil-paga annwali tal-persuna msemmija, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

01/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12984.

Seduta 164
06/11/2023

**BCA – DIRECT ORDERS**

**12988. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12648, jista' l-Ministru jgħid jekk din iż-żieda annwali hijiex konformi ma' dak li hemm maqbul fil-Management Pay Structure adottata mill-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni (BCA), wara li din ġiet maqbula bejn is-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien u l-Industrial Relations Unit fi ħdan l-OPM, kif ukoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' din il-Management Pay Structure li qed issir referenza għaliha?

01/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12984.

Seduta 164
06/11/2023

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - DENTISTI**

**12991. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm dentisti fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex? Jista' jgħid kemm minnhom huma fuq bażi part-time u kemm minnhom huma fuq bażi full-time?

01/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex hemm dentist wieħed u qegħdin fil-proċess li ningaġġaw ieħor bħala sostitut għad-dental surgeon li sfortunatament miet ftit xhur ilu.

Seduta 164
06/11/2023

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX – KIRI TA' AMBULANZI – NEFQA**

**12992. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12710 dwar in-numru ta' ambulanzi disponibbli fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm qed tinkera kull ambulanza, ta' kuljum?

01/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba minnha hija ta' natura kummerċjali.

Seduta 164
06/11/2023

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL**

**12994. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10399, 11055, 11804, 12115 u 12663 u jgħid kemm se jiġi jiswa liċ-ċittadin Malti, l-individwu li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, għal-launch tal-Mediterrane Film Festival? Jista' jagħti rendikont separat ta' flights, hotels, recordings, presenting u oħrajn? Jista' jgħid għalfejn intgħażel dan l-individwu meta seta' ntgħażel xi ħadd Malti u meta dan lanqas mhu ġej mill-pajjiżi li se jkunu qegħdin jipparteċipaw f'dan il-festival, fosthom l-Italja, Spanja, Franza, Kroazja, Greċja, Slovenia, Portugal, Ċipru u Malta?

02/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 164
06/11/2023

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL - SPIŻA**

**12995. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10771, 11052, 11803, 12116 u 12664 u jagħti break down dettaljat tal-ispiża totali għall-Mediterrane Film Festival li tinkludi lista tal-ismijiet ta' kull persuna mistiedna mill-Kummissjoni Maltija tal-Films jew mill-Ministeru tiegħu u li tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa minn fondi pubbliċi għal vjaġġar, akkomodazzjoni, trasport, ikel u xorb kif ukoll spejjeż oħra relatati għal kull persuna? Jista' jipprovdi break down finanzjarju għal kull nefqa li saret għas-serata tal-Gala Awards? Jista' jippubblika lista sħiħa tal-ġurnalisti barranin li ġew mistiedna u r-rappurtaġġ li taw lil pajjiżna u jgħid jekk tali rappurtaġġ kienx imħallas ukoll u kemm? Jista' wkoll jippubblika n-nefqa minn fondi pubbliċi f'forma ta' break down finanzjarju għan-nefqa f'marketing li saret għal dan il-Festival?

02/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 164
06/11/2023

**PERSUNI LI ATTENDEW L-ISCREENINGS TAL-MEDITERRANE FILM FESTIVAL**

**12996. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10816, 11081, 12109, 12430 u 12665 u jgħid kemm persuni bbukkjaw biex jaraw l-iscreenings li ntwerew waqt il-Mediterrane Film Festival fl-iSpazju Kreattiv, fl-Embassy u fl-Eden Cinema, u kemm minnhom attendew u raw kull screening?

02/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 164
06/11/2023

**AMPUTAZZJONI TAS-SAQAJN - SPIŻA**

**13013. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12662 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11603, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk in-numru ta' każijiet ta' amputazzjonijiet tas-saqajn f'Malta hux ferm għola minn dak ta' pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea?

02/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi n-numru ta' amputazzjonijiet maġġuri tas-saqajn f'Malta, huwa l-inqas minn kwalunkwe pajjiż ieħor fl-Unjoni Ewropea skont il-Graph meħuda mill-European Journal for Vascular and Endovascular Surgery Journal li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 164
06/11/2023

**IMPJEGATI FULL-TIME - MINIMUM WAGE**

**13018. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid in-numru ta' impjegati full-time li se jkunu qed jaqilgħu l-minimum wage fl-2024, 2025, 2026, 2027 kif inhuma l-affarijiet illum?

02/11/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-NSO ikun jista' jagħti din l-informazzjoni fuq is-snin passati u mhux dawk li ġejjin.

Seduta 164
06/11/2023

**ĦADDIEMA FULL-TIME**

**13019. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema full-time li jaqilgħu inqas mill-paga medjana u l-paga medja illum?

02/11/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-aħħar informazzjoni dwar dan l-indikatur tista' tinħadem fuq is-sena 2022.
Is-sors ta' din l-informazzjoni huwa l-Istħarrig dwar il-Ħaddiema u s-Suq tax-Xogħol (LFS). Is-salarju inħadem abbażi tal-basic salary annwali (average annual basic salary) u l-ammont ma jinkludix dħul minn overtime, bonuses jew allowances.
In-numru ta' impjegati li kienu qed jaqilgħu inqas mill-paga medja għas-sena 2022, hu stmat li kien ta' 148,487. Minn dawn, in-numru ta' impjegati li kienu qed jaqilgħu inqas mill-paga medjana għas-sena 2022, hu stmat li kien ta' 117,960.

Seduta 164
06/11/2023

**SUSSIDJI**

**13020. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid is-sussidji kollha li qed jingħataw lill-poplu Malti sal-lum u jelenka x'inhuma dawn is-sussidji, kemm huma u kemm għandhom żmien biex jibqgħu ssussidjati?

02/11/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista ta' sussidji mħallsa għas-sena 2022 kienet hekk kif indikata fit-tabella t'hawn taħt:

| | **2022** |
|---|---|
| | **Euro** |
| | |
| Public Service Obligation - Enemalta plc (Energy Support Measures) | 123,189,597 |
| Public Service Obligation - Enemed ltd (Energy Support Measures) | 111,000,000 |
| Gas Stabilisation Fund | 16,333,936 |
| Eco Reduction | 8,167,041 |
| Feed in Tariff | 18,382,516 |
| Tal-Linja Card - Free to all public transport | 2,373,039 |
| Utility Bills - Enemalta plc | 4,721,919 |
| Utility Bills - Water Services Corporation | 1,678,081 |
| Public Service Obligation - Inter Island Transport - Gozo Channel | 14,259,938 |

Seduta 164
06/11/2023

**POPOLAZZJONI - TNAQQIS**

**13021. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'soluzzjonijiet għandu biex inaqqas il-popolazzjoni?

02/11/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħsibijiet tiegħi fuq dawn it-temi huma fid-dominju pubbliku tant li f'Ġunju kont wieħed minn tal-ewwel li tkellimt fuq din it-tema, kopja ta' dan qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 164
06/11/2023

**ĦADDIEMA MHUX MALTIN GĦAS-SENA 2024**

**13022. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu stmat li se jkun hemm bżonn ħaddiema mhux Maltin fis-sena 2024?

02/11/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex iħares lejn l-Economic Survey li ġie ppublikat mad-diskors tal-Budget. Fih isib b'kemm ser tikber id-domanda għall-ħaddiema s-sena d-dieħla.

Seduta 164
06/11/2023

**PAYROLL TAL-GVERN U KUNTRATTURI**

**13023. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid in-numru ta':

1. Ċittadini Maltin li huma direttament fuq il-payroll tal-Gvern (is-setturi kollha tal-Gvern);
2. Ċittadini tal-Unjoni Ewropea li huma direttament fuq il-payroll tal-Gvern (is-setturi kollha tal-Gvern);
3. Ċittadini mhux tal-Unjoni Ewropea li huma direttament fuq il-payroll tal-Gvern (is-setturi kollha tal-Gvern);
4. Maltin li jaħdmu ma' kuntratturi li jipprovdu servizz lill-Gvern (settur Pubbliku u settur tas-Servizzi);
5. Ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu ma' kuntratturi li jipprovdu servizz lill-Gvern (settur Pubbliku u settur tas-Servizzi) u
6. Ċittadini mhux tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu ma' kuntratturi li jipprovdu servizz lill-Gvern (settur Pubbliku u settur tas-Servizzi)?

02/11/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 164
06/11/2023